MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Numru 42/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Kevin Martin Lorence Silvio Angelo Attard**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 42 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Kevin Martin Lorence Silvio Angelo Attard, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sitta w ghoxrin (26) t'April, tal-elfejn u tlieta (2003) Kevin Attard mar ghall-habta tat-tlieta (3 am) ta' filghodu il-Fuego nightclub go Paceville, San Giljan, fejn is-security guards ma halluhx jidhol. Illi l-istess Attard irreagixxa b'rabja w immedjatament intervjena PC 430 Andrew St. John li kien fuq xoghol bhala Pulizija, biex izommu, izda minflok Attard tah daqqa ta' ponn u beda jiggieled. Attard ittiehed l-ghassa San Giljan ghal investigazzjoni w sa dan it-tant kienu saru xi t-tlieta u nofs ta' filghodu (3.30 am). Illi Attard intalab joqghod bil-qeghda minn PC 463

Jonathan Farrugia izda dan ried johrog barra. Illi PC 463 Jonathan Farrugia beza' li Attard jahrablu w iddiregieh ghal go l-ghassa. Illi fil-hin u l-waqt Kevin Attard hareg sikkina u ta daqqa f' zaqq PC 463 Jonathan Farrugia bil-hsieb li joqtlu jew iqieghedlu hajtu f'periklu car. Illi fortunatament l-akkuzat ma irnexxilux fil-ghan tieghu peress din il-ferita ma ikkawzatx il-mewt.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Kevin Attard sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil- hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Kevin Attard hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il- hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' Paceville fis-26 t'April, 2003, ghall-habta tat-3.00 am, Kevin Attard sawwat lil PC 430 Andrew St. John u volontarjament ikkagunalhu feriti hfief meta huwa mar jintervjeni biex izommu milli jidhol fl-istabbiliment Fuego go Paceville San Giljan.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Kevin Attard sar hati ta' offiza hafifa volontarja fuq il-persuna w cioe' talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil- gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil- imsemmi Kevin Attard hati ta' offiza hafifa fuq il-persuna w cioe' talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' San Giljan fis-26 t'April, 2003, Kevin Attard volontarjament ghamel hsara fuq l-uniformi w hwejjeg ta' PC 463 Jonathan Farrugia ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta ta' aktar minn hamsin liri (LM50).

Illi b'ghemilu l-imsemmi Kevin Attard sar hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn hamsin liri izda taht il-hames mitt lira.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Kevin Attard hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, b'dan illi l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn hamsin liri izda taht hames mitt lira.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta'

prigunerija minn hames xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' San Giljan, Kevin Attard kellu fil-pussess tieghu mus b'xafra w bil-ponta minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. B'din l-arma hu pprova joqtol lil PC 463 Jonathan Farrugia.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Kevin Attard sar hati talli minghajr licenzja tal- Kummissarju tal-Pulizija kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Kevin Attard hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal- Pulizija kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' multa ta' mhux izjed minn hamsin lira jew prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 13(1) u 19 tal-Kap 66 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

5) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' Paceville, San Giljan, fis-26 t'April, 2003, ghall-habta tat-3.00 a.m., Kevin Attard sawwat lil PC 430 Andrew St. John u volontarjament ikkagunalhu feriti hfief meta huwa mar jintervjeni biex izommu milli jidhol fl-istabbiliment Fuego go Paceville, San Giljan. Illi inoltre, ftit wara Attard ipprova joqtol lil PC 463 Jonathan Farrugia. Illi dawn l-ufficjali kienu qed jaqdu id-doveri taghhom bhala Pulizija nkarigati mill-ordni pubblika.

Illi b'ghemilu Kevin Attard sar hati talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li jkunu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Kevin Attard hati talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li jkunu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena skond l- artikoli 95, 96 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-akkuzat tat-12 ta' Novembru, 2007 li biha hu eccepixxa illi :-

1. l-att ta' l-akkuza huwa null u l-kawza ma tistax tghaddi 'l quddiem fuq l-istess att ta' l-akkuza in kwantu jezisti difett fl-atti tal-kumpilazzjoni konsistenti fin-nuqqas ghal kollox ta' l-ezami bla gurament tal-imputat, peress li l-ezami ma giex iffirmat mil-Magistrat;

2. In-nullita' tal-proceduri tal-kumpilazzjoni minhabba d-difett imsemmi fl-ewwel eccezzjoni, liema difett qatt ma gie sanat bil-mod rikjest fis-sub-incizi (2) u (3) tal-artikolu 432 tal-Kodici Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tal-14 ta' Frar, 2008,

Ikkonsidrat.

Illi l-artikolu 395 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-ezami tax-xhieda u tal-imputat ghandu jigi ffirmat mill-magistrat.

IIlli huwa pacifiku fil-gurisprudenza in materia li l-ezami tal-imputat ghandu jigi firmat mill-Magistrat Istruttur u li minghajr dik il-firma, l-ezami tal-imputat huwa null, u ghalhekk hija nulla l-istruttorja w huwa ukoll null l-att ta' l-Akkuza bazat fuq dik l-istruttorja. (ara "**Il-Maesta' Taghha r-Regina vs. Antonio Sammut"** Qorti Kriminali – Kolleggjali [12.1.1953] ; **"Il-Maesta' Taghha r-Regina vs. George Pulo"** ; Qorti Kriminali , [ 2.2.1953] konfermata mill-Qorti Kriminali – Kolleggjali b' sentenza tat-12 ta' Jannar, 1953, u "**Il-Maesta' Taghha r-Regina vs. Carmelo Refalo"** (Qorti ta' l-Appell Kriminali – [ 12.2.1975] fejn gew citati z-zewg sentenzi precedenti w intqal li fihom – fejn kien hemm in-nuqqas effettiv u totali tal-firma tal-magistrat – referibbilment ghall-ezami tal-imputat, dan huwa ekwiparabbli ghan-nuqqas tal-ezami stess. Fejn kien hemm in-nuqqas tal-ezami tal-imputat fl-istruttorja, l-att ta' l-akkuza bazat fuq l-istess istruttorja dejjem gie annullat (ara. "**Sua Maesta' la Regina vs. Giuseppe Formosa"** (Qorti Kriminali – Kolleggjali [23.2.1900] u "**Sua Maesta' la Regina vs. F.S. Decesare"** [30.3.1898] u ohrajn.)

Illi umbaghad skond l-artikolu 597 (4) (gja 591(4) ) tal-istess Kodici Kriminali, hemm lok ghall-impunjazzjoni tal-Att ta' l-Akkuza minnhabba difett fl-attijiet tal-kumpilazzjoni, meta *inter alia* dan id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox ta' l-ezami tal-imputat. U kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali –Kolleggjali fis-sentenza ta' **Pulo** appena citata : "*ezami "mhux firmat" ghandu jigi logikament ekwiparat ghall-ezami "nieqes ghal kollox" , ghaliex altrimenti ma kienx ikun hemm sens li tigi mposta l-formalita' tal-firma."* (ara **ukoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Saviour Azzopardi et."**- Qorti Kriminali - [13.7.2006]

Ikkonsidrat;

Illi pero' f' dan il-kaz jidher li - kif gie precizat ukoll waqt it-trattazzjoni orali - l-eccezzjonijiet jirriferu ghall-ezami mill-gdid tal-akkuzat li sar fl-10 ta' Lulju, 2007, (Fol. 247) u dan ghaliex l-ezami tal-akkuzat li kien sar proprju fil-bidu tal-kumpilazzjoni fis-26 t' April, 2003 (Fol. 9) kien gie debitament iffirmat *in calce* fuq l-intestatura "*Magistrat"* mill-Magistrat (Illum Imhallef) Lofaro li quddiemha kienet saret il-prezentata w addirittura, *"for good measure*", jidher li gie ukoll iffirmat fil-gemb tal-istess folio mill-Magistrat Dr. M. Hayman li quddiemha mbaghad instemghet il-kumpilazzjoni.

F' dan il-kaz gara li wara li kienu nstemghu il-provi kollha tal-kumpilazzjoni, l-Avukat Generali b' Nota tas-27 ta' Gunju, 2007, (Fol. 239) kien talab lill-Qorti Istruttorja, taht dak li hemm imsemmi fl-artikolu 405 tal-Kodici Kriminali, peress li ma giex osservat it-terminu previst fl-artikolu 401 (1) tal-Kodici Kriminali, kif previst a fol. 176 tal-process u per konsegwenza l-atti huma difettuzi, ghat-terminu tal-artikolu 432 (2) tal-Kodici Kriminali, li dik il-Qorti tibda' mill-gdid il-kumpilazzjoni w taghalaqha fi zmien hamest ijiem ta' xoghol u tisma kull prova li ggib il-Pulizija.

Fl-10 ta' Lulju, 2007, (fol. 241) gie verbalizzat quddiem il-Qorti Istruttorja li :-

*"Il-Qorti rat ir-rinviju tal-Avukat Generali."*
*"Dr. Herrera jiehu l-akkuzi bhala moqrija."*
*"Sar l-interrogatorju mill-gdid."*
*"Dr. Herrera ghall-imputat jezenta lill-Prosekuzzjoni mill-bzonn li jtella' l-provi mill-gdid* <u>*u jiddikjara li l-atti huma sanati."*</u>
*"L-atti qeghdin jintbaghtu mill-gdid ghand l-Avukat Generali filwaqt li qed jinghata differiment ghat-22 ta' Awwissu, 2007."*
(sottlinear ta' din il-Qorti)

Di fatti a fol. 241 hemm is-solita formola sterjotipata li biha l-Qrati tal-Magistrati jirregistraw l-ezami tal-imputat. Ghal xi raguni pero' din il-pagna ghalkemm intliet u ghandha l-firma tal-iskrivan B. Mifsud *in calce,* <u>imkien fuqha ma tidher il-firma tal-Magistrat.</u>

Pero' gara li wara li l-atti gew rinvjati mill-gdid lill-Avukat Generali, dan rega' ghamel nota ta' rinviju (a fol. 243) fl-14 t' Awwissu, 2007 fejn, *inter alia,* talab li ssir korrezzjoni fid-dettalji tal-akkuza w id-data tat-twelid tigi indikata bhala 16 ta' Gunju, 1970 u mhux 5 ta' Gunju, 1970 u, okkorrendo, jinstemghu il-provi mil-gdid.

Fit-22 t' Awwissu, 2007, ma sar xejn ghax il-Qorti kienet tinsab impenjata fuq xoghol iehor u l-kawza giet differita ghat-28 ta' Awwissu, 2007.

F' din l-ahhar data umbaghad gie verbalizzat (a fol. 246) testwalment hekk :-

*"Inqrat in-nota ta' rinviju."*
*"Il-Qorti qed tawtorizza l-korrezzjoni fl-akkuza fis-sens illi d-data tat-twelid taqra 16 ta' Gunju, minnflok 5 ta' Gunju. L-imputat jaghti ruhu notifikat bl-akkuza kif korretta."*
*"Inqrat l-akkuza bil-gurament."*
*"Sar l-interrogatorju mill-gdid."*
*"L-Avukat difensur jezenta l-Qorti milli tisma' l-provi mill-gdid ."*
*"Il-kawza differita ghall-4 ta' Settembru, 2007."* (Sottolinear ta' din il-Qorti.)

A fol. 247 umbaghad hemm il-formola sterjotipata tal-ezami tal-akkuzat li din id-darba hija debitament iffirmata mill-Magistrat li ppresjediet l-istruttorja.

Din il-Qorti rriproduciet fid-dettall il-verbali tal-udjenzi tal-10 ta' Lulju w tat-28 t' Awwissu, 2007, ghaliex minnhom jidher li l-avukat difensur, fiz-zewg okkazzjonijiet, kien qed jaderixxi pjenament ghat-talbiet tal-Avukat Generali w, b' ko-operazzjoni shiha mall-prosekuzzjoni, fl-ewwel kaz ivverbalizza li l-atti kienu gew sanati mill-gdid u ghalhekk kull ma sar qabel l-10 t' Awwissu, 2007, inkluz l-ezami tal-imputat a fol. 9 tal-process, li hu addirittura debitament iffirmat minn zewg magistrati, gie regolarizzat. Anki jekk wiehed kellu ghal grazzja tal-argument biss umbaghad jirritjeni li ghax l-ezami mill-gdid li sar fl-10 ta' Lulju, 2007, kien null ghax ma giex iffirmat mill-Magistrat, peress li fl-

ewwel seduta wara din id-data, saret korrezzjoni fl-akkuza w rega' (ghat-tielet darba) sar ezami mill-gdid li din id-darba igib il-firma tal-Magistrat u dana MINGHAJR MA GIET REGISTRATA EBDA OPPOZIZZJONI MILL-AVUKAT DIFENSUR, anzi, ghal kuntrarju, d-difiza aderiet pjenament mat-talba ghall-korrezzjoni w ezentat lill-Qorti Istrutorja milli terga' tisma l-provi mill-gdid, jidher li kollox rega' gie regolarizzat addirittura ghas-sodisfazzjon tad-difiza tal-akkuzat.

Kif issa w f' dan l-istadju qed titqajjem din l-eccezzjoni da parti tal-akkuzat mill-istess bank tad-difiza, fejn wiehed mill-Avukati li ffirma l-istess nota tal-eccezzjonijiet hu l-istess wiehed li kien prezenti fiz-zewg okkazzjonijiet quddiem il-Qorti Istruttorja, w hemm irregistra l-verbali fuq citati, jimmistifika lil din il-Qorti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dak kollu li sar minn fol. 1 sa fol. 240 tal-process kien gie debitament regolarizzat u ghalhekk l-ezami originali tal-imputat kien u ghadu jreggi. Wara meta saret biss korrezzjoni fl-akkuza w rega' sar ezami mill-gdid (t-tielet wiehed), dan hu debitament iffirmat mil-Magistrat li kienet qed tippjresjedi l-Istruttorja w ma hemm xejn irregolari fih lanqas. Inoltre ma sar assolutament xejn bejn l-10 ta' Lulju, 2007 u t-28 t' Awwissu, 2007, li seta b' xi mod ippregudika l-pozizzjoni tal-akkuzat. F' kull eventwalita' jidher li dan hu kaz fejn ghandhom jigu applikati l-massimi legali ***"interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat"*** *u* ***"benedicta est expositio quando res redimitur a destructione****……"* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Russell Bugeja"** per De Gaetano C. J. [29.2.2008])

Ghalhekk kemm l-ewwel u kif ukoll it-tieni eccezzjoni konsegwenzjali tal-akkuzat qed jigu respinti.

Il-Qorti qed ghalhekk tiddiferixxi l-kawza *sine die* sabiex tinstema ' quddiem din il-Qorti bil-gurati, meta jmiss it-turn taghha, wara li, okkorrendo, jkun gie deciz kull appell eventwali minn din is-sentenza, jekk dan isir.

Sadattant l-akkuzat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet ghal dak li jirrigwarda l-liberta' provizorja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------